MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 2981/2002

***William Soler***

***Vs***

***Miguel Alarcon***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm224.46) rappresentanti danni subiti fil-vettura proprjeta ta' l-attur, Daihatsu Cuore bin-numru ta' registrazzjoni IAU 896 b'konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Jannar 2001, ghal liema incident stradali jahti unikament il-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBL252.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' seba' ittri interpellatorji u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward, izda pprezenta nota fit-28 ta' Frar 2003, fejn huwa ddikjara illi huwa cittadin Taljan u li ma huwiex qieghed jaccetta l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Illi fir-rigward ta' din in-nota t-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Illi l-konvenut ma pprezentax ir-risposta formali tieghu kif trid il-ligi fejn huwa issolleva formalment l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.
2. Illi huwa ma ressaq l-ebda prova jew dokument in konnessjoni ma' din id-dikjarazzjoni maghmula minnu, liema dikjarazzjoni lanqas biss hija kkonfermata bil-gurament.
3. Illi kemm il-konvenut kif ukoll id-difensur tieghu naqqsu li jattendu ghas-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal.
4. Illi finalment, l-azzjoni odjerna tikkoncerna incident stradali li sehh f'Malta fejn kien involut cittadin Malti u l-hlasijiet ghad-danni subiti inoltre jridu jigu effetwati Malta u kwindi ai termini ta' l-artikolu 742 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili, l-qrati Maltin

certament ghandhom gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni ta' l-imsemmija talba.

Illi fid-dawl tas-suespost lanqas ma huwa l-kaz, fin-nuqqas ta' eccezzjoni formali, illi t-Tribunal jissolleva n-nuqqas ta' kompetenza tieghu fid-dawl ta' l-artikolu 774(1) tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi ghaldaqstant t-Tribunal ma huwiex ser jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija nota u ghalhekk sejjer ighaddi biex jiddeciedi l-kawza.

It-Tribunal,

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Chris Soler, iben l-attur, li kien involut fl-imsemmi incident stradali, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tad-dokumenti kollha esibiti permezz ta’ nota datata 14 ta’ Marzu 2003 u cioe’ Dokument MVDAR, Dokument MGCB, Dokument JRR, Dokument AP, Dokument AP Inv, Dokument MG1 u MG2, Dokument APS, Dokument GS1 u GS2 minn fejn jirrizulta illi d-danni subiti mill-attur jammontaw ghal Lm193.05 u mhux Lm224.26 u dana peress illi d-differenza bejn iz-zewg ammonti huma l-imghaxijiet komputati mill-attur. Illi l-attur naqas li jezebixxi s-seba’ ittri interpellatorji li allegatament gew mibghuta lill-konvenut u kwindi fin-nuqqas ta’ prova, it-Tribunal ma jistax jikkundanna lill-konvenut ghal hlas ta’ l-istess.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ mija u tlieta u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm193.05), bl-imghaxijiet legali mid-data li sehh l-incident stradali mertu tal-kawza u cioe’ mit-3 ta’ Jannar 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------